



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 26 ta' Awwissu 2010(02.09)
(OR. en)**

12936/10

LIMITE

**UEM 262
ECOFIN 481**

NOTA TA' TIFSIR

mimn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Awwissu 2010
lil:	Is-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Segwitu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħa u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa bħala meħtieġa biex tisewwa l-qagħda ta' defiċit eċċessiv

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2010) 439 finali.

Mehmuż: COM(2010) 439 finali



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 19.8.2010
KUMM(2010) 439 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Segwitu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa bħala meħtieġa biex tissewwa l-qagħda ta' defiċit eċċessiv

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Segwitu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa bħala meħtieġa biex tisewwa l-qagħda ta' defiċit eċċessiv

1. ID-DAĦLA

Din il-Komunikazzjoni tivvaluta l-miżuri implimentati sal-aħħar ta' Ġunju 2010 mill-Greċja biex tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/320/UE tal-10 ta' Mejju 2010¹, fuq il-bażi tar-rapport imressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni mill-Greċja fis-6 ta' Awwissu 2010.² Ir-rapport imressaq mill-Greċja jiddiskuti mhux biss il-miżuri fiskali li jimmiraw li jnaqqsu l-proporzjon tad-defiċit tal-gvern fl-2010, iżda wkoll riformi strutturali b'firxa wiesgħa li qed jiġu adottati u implimentati mill-Gvern Grieg.³

2. ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAL-10 TA' MEJJU 2010

Fl-10 ta' Mejju 2010, il-Kunsill ECOFIN adotta d-Deċiżjoni 2010/320/UE, skont l-Artikoli 126(9) u 136 tat-TFUE, indirizzata lill-Greċja, bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa bħala meħtieġa biex tisewwa l-qagħda ta' defiċit eċċessiv.⁴

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tirrikjedi lill-Greċja li tadotta għadd ta' miżuri qabel id-dati ta' skadenza tal-aħħar ta' Ġunju 2010, l-aħħar ta' Settembru 2010, l-aħħar ta' Diċembru 2010 u l-aħħar ta' Marzu 2011. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għandhom jimmiraw lejn id-defiċits tal-amministrazzjoni pubblika li ma jaqbżux:

- EUR 18 508 miljuni (8,0 % tal-PGD, fuq il-bażi tal-PGD nominali previst f'Mejju) fl-2010;
- EUR 17 065 miljun (7,6 % tal-PGD) fl-2011;
- EUR 14 916 -il miljun (6,5 % tal-PGD) fl-2012;
- EUR 11 399 miljun (4,9 % tal-PGD) fl-2013 u

¹ ĠU L 145, 11.6.2010, p. 6.

² *Il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja – Rapport ippreżentat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill – Lulju 2010*, li tressaq fis-6 ta' Awwissu 2010. Dan ir-rapport tressaq mill-Gvern Grieg; huwa jinkludi anness dwar is-superviżjoni tal-attivitajiet tal-banek mogħtija mill-Bank tal-Greċja.

³ Din il-Komunikazzjoni u rapport tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha mħejji mill-BĊE (*Il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja – L-ewwel Analiżi*, Awwissu), jikkontribwixxu wkoll għall-valutazzjoni tal-konformità mal-Memorandum tal-Ftehim dwar il-Kundizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika ta' Mejju, fil-kuntest tal-ftehim tal-faċilità tas-self bejn il-Greċja u l-Istati Membri taż-żona tal-euro.

⁴ Għal taqsira tal-passi preċedenti fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-Greċja, ara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-programm ta' Stabbiltà ta' Jannar 2010 (SEC(2010) 94 finali tat-3 ta' Frar 2010).

- EUR 6 385 miljun (2,6 % tal-PGD) fl-2014.⁵

3. L-AZZJONI LI ĦADET IL-GREĊJA B'REAZZJONI GĦAD-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL SAL-AĦĦAR TA' ĠUNJU 2010

Fl-andament tal-2010, il-Greċja adottat erba' pakketti ta' miżuri fiskali:

- f'Jannar, fil-kuntest tal-programm ta' stabbiltà;
- fi Frar, qabel il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-programm ta' stabbiltà;
- f'Marzu, b'reazzjoni għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 skont l-Artikolu 126(9),⁶ u
- f'Mejju, b'reazzjoni għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 u l-kriterji tal-kunfidenzjalità fil-Memorandum tal-Politiki Ekonomiċi u Finanzjarji (MPEF), il-Memorandum ta' Qbil dwar Kondizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika (MtQ).⁷

Din il-komunikazzjoni tivvaluta l-miżuri meħuda minn Mejju 2010 'l hemm.⁸

Fis-6 ta' Mejju 2010, il-Greċja adottat il-Liġi 3845/2010, dwar miżuri tal-politika relatati mal-kriterji ta' kundizzjonalità taż-żona tal-euro/il-pakkett ta' finanzjament tal-Fond Monetarju Internazzjonali. Il-maġġoranza vasta tal-miżuri fiskali u strutturali inklużi fil-liġi ġiet implimentata b'effett immedjat. Fost il-miżuri min-naħa tal-introjtu, kien hemm żidied fir-rati tal-VAT, żidied fit-taxxi tas-sisa fuq il-petrol, it-tabakk u l-alkoħol, kif ukoll ġiet imposta taxxa fuq ir-riklami. Min-naħa tan-nefqa, kien hemm tnaqqis ulterjuri fil-pagi tas-settur pubbliku, u tnaqqis fil-pensjonijiet imħallsa mill-fondi tas-sigurtà soċjali lill-persuni rtirati fis-settur pubbliku u f'dak privat.

L-impatt baġitarju fuq il-kontijiet tal-2010 tal-miżuri adottati mill-Greċja fis-6 ta' Mejju 2010 huwa stmat li jammonta għal 2,5% tal-PGD. Dawk il-miżuri kienu magħmula minn miżuri permanenti ta' tisħiħ tal-introjtu (½ % tal-PGD jew EUR 1,25 biljun) u tnaqqis permanenti tan-nefqa (1,9% tal-PGD jew EUR 4,55 biljun). Barra minn hekk, dawk il-miżuri se jkollhom effett ta' ammonti ttrasferiti ta' tnaqqis tad-defiċit fuq il-kontijiet tal-2011 ta' 1,1% tal-PGD.

It-total tal-erba' pakketti fiskali adottati mill-Greċja, iżid mal-baġit inizjali tal-2010 li tressaq mill-Gvern f'Ottubru 2009 u li ġie adottat mill-Parlament Grieg fl-aħħar ta' Diċembru 2009. Dawn l-erba' pakketti ta' miżuri huma kwantifikati għal madwar 8% tal-PGD (minbarra l-

⁵ Ir-rotta ta' aġġustament stabbilita permezz tad-Deċiżjoni tirrikjedi li l-bidla annwali fid-dejn gross konsolidat ġenerali tal-gvern ma għandux jaqbeż: EUR 34 058 miljun (bi proporzjon totali ta' dejn imqabbel mal-PGD ta' 133,2%) fl-2010; EUR 17 365 miljun (bi proporzjon totali ta' dejn imqabbel mal-PGD ta' 145,2%) fl-2011; EUR 15 016-il miljun (bi proporzjon totali ta' dejn imqabbel mal-PGD ta' 148,8%) fl-2012; EUR 11 599 miljun (bi proporzjon totali ta' dejn imqabbel mal-PGD ta' 149,6 %) fl-2013; EUR 7 885 miljun (bi proporzjon totali ta' dejn imqabbel mal-PGD ta' 148,4 %) fl-2014; ĠU L 83,30.3.2010, p. 13.

⁶ ⁷ Dawn il-memoranda naqblu fil-kuntest tad-deċiżjoni mill-Istati Membri taż-żona tal-euro li jagħtu għajjnuna finanzjarja lill-Greċja, flimkien ma' arranġament ta' stand-by mal-Fond Monetarju Internazzjonali.

⁸ Għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' Jannar, Frar u Marzu, ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9.3.2010 (COM(2010) 91 finali).

ammonti ttrasferiti li jnaqqsu d-defiċit għall-2011) u huma mistennija li jnaqqsu d-defiċit tal-gvern minn 13,6% tal-PGD fl-2009 għal 8% fl-2010.⁹

L-Anness I jagħti taqsira tal-miżuri speċifiċi obligati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 li għandhom jiġu adottati sal-aħħar ta' Ġunju 2010. L-Anness II jelabora fuq il-miżuri li, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandhom data ta' skadenza f'Settembru 2010.¹⁰

3. L-EŻEKUZZJONI BAĠITARJA SAL-AĦĦAR TA' ĠUNJU 2010

L-iżviluppi baġitarji tal-Istat matul l-ewwel nofs tal-2010 kienu pożittivi bid-defiċit jonqos b'rata aktar mgħaġġla milli kif kien ippjanat.¹¹ Minkejja dan jeħtieġ li jitqiesu għadd ta' riskji, kif diskuss hawn taħt.

Skont id-dejta tal-kontanti sal-aħħar ta' Ġunju ppubblikata mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Kontabbiltà (UĠK), id-defiċit tal-kontanti tal-Istat naqas b'madwar 46%, meta mqabbel mal-perjodu rispettiv fl-2009. It-tnaqqis annwali mmirat għal dak id-defiċit huwa 40% (ara t-Tabella 1). Dan it-tnaqqis fid-defiċit li ħareġ 'il barra mill-pjanijiet kien fil-biċċa l-kbira r-riżultat ta' nefqa li kienet inqas milli kif kien mistenni, li għamlet tajjeb għall-ġbir tal-introjtu li kien inqas dinamiku milli kif kien mistenni.

Il-ħruġ totali tal-kontanti tal-Istat tnaqqas b'16,9 % meta mqabbel mal-ewwel nofs tal-2009. (Il-mira uffiċjali ta' tnaqqis tan-nefqa għal din is-sena bħala entità sħiħa hija 5,3%) In-nefqa primarja tal-Istat kienet EUR 5,6 biljun inqas milli kif kien ippjanat f'Mejju 2010. It-tnaqqsi fil-biċċa l-kbira jirrifletti tnaqqis fin-nefqa primarja (inklużi l-pagi tal-entitajiet pubbliċi), iżda wkoll in-nefqa kapitali. Madankollu, ta' min jinnota li wħud mill-iffrankar fin-nefqa deċiż f'Mejju (pereżempju t-tnaqqis fil-bonuses tal-Milied imħallsa lil min jaħdem mas-servizz pubbliku u l-pensjonanti) ma ġiex rifless kompletament fid-dejta disponibbli. In-nefqa tal-imgħaxx (fuq bażi ta' kontanti) tibqa' iktar baxxa mill-miri bbaġitjati, minħabba l-istrambezzi fil-kalendarju tal-pagamenti tal-imgħaxx din is-sena u għandha terġa' lura għan-normal fix-xhur li ġejjin.

L-irċevuti totali ta' kontanti żdiedu b'5,9% fl-ewwel nofs filwaqt li għas-sena sħiħa hija mmirata żieda annwali ta' 15,6 %. Din l-elevazzjoni konsiderevoli fl-irċevuti tista' tiġi mistennija fit-tieni nofs, hekk kif l-effett sħiħ taż-żieda fil-VAT u s-sisa jibda jinħass. B'mod partikolari l-aħħar żieda fil-VAT - b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 - għadha ma ġietx riflessa fid-dejta disponibbli. Minkejja dan, anki jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni daww il-fatturi, l-irċevuti tat-taxxa probabbilment se jibqgħu taħt il-previżjonijiet ta' Mejju 2010 fil-kuntest tal-programm ta' aġġustament ekonomiku li jirfed iż-żona tal-euro u l-finanzjament tal-FMI. It-telf fl-introjtu mhux kompletament konsistenti mat-tkabbir tal-PGD ogħla milli kif kien

⁹ Innota li l-Eurostat għadu ma vvalidax id-dejta tad-defiċit tal-gvern u d-dejn tal-2009 nnotifikat mill-Greċja. Fit-22 ta' April 2010, l-Eurostat informa li, wara li tlestew l-investigazzjonijiet li l-Eurostat qed iwettaq f'kooperazzjoni minn EL.STAT dwar bosta kwistjonijiet (partikolarment, il-klassifika settorjali ta' għadd ta' intrapriżi pubbliċi u l-kontabbiltà ta' tpartit ta' titoli skontati, kif ukoll il-ħtieġa ta' data aktar dettaljata u preċiża dwar l-introjtu tas-sigurtà soċjali u n-nefqa), il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern tal-2009 jista' jiġi rivedut 'il fuq b'0,3 % sa 0,5 % tal-PGD, u d-dejn b'5 sa 7 % tal-PGD. Ara L-istqarrija għall-Istampa, Eurostat, Nru 55/2010.

¹⁰ Ir-rapport li tressaq mill-Greċja fis-6 ta' Awwissu 2010 jagħti lista kompluta aktar tal-miżuri adottati.

¹¹ Kif jelabora fid-dettall ir-rapport li jakkumpanja, il-bosta kriterji fiskali ta' prestazzjoni fil-kuntest tal-ftehim tal-faċilità tas-self (iż-żona tal-euro) l-arranġament stand-by (FMI) ġew sodisfatti.

previst li segwa l-inflazzjoni oġhla milli kif kienet prevista¹² u kompożizzjoni tat-tkabbir relattivament favorevoli għat-taxxa. Dan jista' jagħti x'jifhem li wħud mill-miżuri biex tiżdied l-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxa, għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u għat-titjib tal-amministrazzjoni tat-taxxa għad ma tawx riżultati tanġibbli u jista' jkollhom bżonn li jissaħħu.

Tabella 1: Eżekuzzjoni tal-baġit tal-Istat

	2009	2010		2009	2010	
<i>fuq il-bażi ta' kontanti (miljuni ta' euro)</i>	Jannar - Ġunju	Jannar - Ġunju	<i>Bidla f'</i>	Riżultat	Stimi uffiċjali	<i>Bidla f'</i>
Introjtu totali	22831	24180	5,9 %	50509	58382	15,6 %
Introjtu qabel rifużjonijiet	24639	26062	5,8 %	53420	60224	12,7 %
Rifużjonijiet tat-taxxa	2450	2266	-7,5 %	4952	5100	3,0 %
Introjtu kapitali	642	384	-40,2 %	2041	3258	59,6 %
Nefqa totali	40697	33824	-16,9 %	81390	77073	-5,3 %
Nefqa primarja	27945	24398	-12,7 %	57975	54611	-5,8 %
Imgħax	6612	5731	-13,3 %	12325	13017	5,6 %
Nefqa kapitali	6140	3695	-39,8 %	9588	9200	-4,0 %
Oħrajn	0	0		1502	245	-83,7 %
Bilanċ tal-baġit tal-Istat	-17866	-9644	-46,0 %	-30881	-18691	-39,5 %

Sors: Uffiċċju tal-Kontabbiltà Ġenerali – Il-Greċja.

Il-bilanċ tal-kontanti tal-amministrazzjoni pubblika (disponibbli) - jiġifieri l-Istat, il-gvern lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali, inklużi l-isptarijiet pubbliċi - jinsab fil-biċċa l-kbira miexi fid-direzzjoni t-tajba, bis-saħħa tal-kisba fil-wisa' tal-miri b'bażi tal-kontanti fil-livell tal-Istat. Skont id-dejta monetarja mmissla mill-istatistika mogħtija mill-Bank tal-Greċja għall-ewwel nofs tas-sena, (i) il-bilanċ tal-kontanti tal-gvern lokali juri eċċess (EUR 183 miljun) li huwa kemm kemm iċken milli kif kien mistenni; filwaqt li (ii) il-bilanċ tal-kontanti tal-fondi tas-sigurtà soċjali juri defiċit (EUR 239 miljun), minflok eċċess.

Ma hemm l-ebda dejta infraannwali tanġibbli dwar it-tranżizzjoni minn bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika (disponibbli) għall-kontijiet tal-ESA fil-mument li sseħħ. Dan l-aġġustament għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-aġġustamenti li jżidu d-defiċit, bħalma huma dawk fuq in-nefqa fl-istennija tal-pagament, il-garanziji attivati, u d-defiċit tal-fondi ekstrasbaġitarji, kif ukoll l-għadd ta' aġġustamenti li jnaqqsu d-defiċit, bħalma huma ttardjar fil-ġbir tat-taxxi u intervalli fil-pagament mill-baġit tal-UE tal-fondi strutturali. L-aġġustament globali għas-sena bħala entità sħiħa mistenni li jżid id-defiċit u jammonta għal madwar EUR 1 300 miljun.

4. IL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJI GĦALL-MIRA TAD-DEFIĊIT TAL-2010

Minkejja li l-konsolidazzjoni baġitarja tidher li miexja fid-direzzjoni t-tajba fl-ewwel nofs tal-2010, hemm għadd ta' punti ta' pressjoni li jeħtieġ li jitqiesu fl-eżekuzzjoni baġitarja matul ix-xhur li ġejjin.

¹² F'Lulju 2010, l-inflazzjoni annwali tal-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet tal-Konsum (HICP) kienet ta' 5,5 %.

B'mod partikolari:

- L-introjtu tal-Istat: L-introjtu mit-taxxa kien qed jopera taħt il-miri matul l-ewwel nofs tas-sena, minkejja li ġew intensifikati l-isforzi għat-titjib tal-konformità fiskali u l-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa. L-introjtu mit-taxxa fit-tieni nofs tas-sena mistenni li jirkupra wara l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri li jsaħħu l-introjtu li diġà ġew illegizlati, bħalma hija ż-żieda tar-rata tal-VAT implimentata mill-1 ta' Lulju 'l quddiem. Minkejja dan, bir-reċessjoni tiggrava fit-tieni nofs tas-sena, l-irkupru antiċipat jista' ma jkunx biżżejjed għall-introjtu annwali tal-Istat biex jilħaq il-previżjonijiet ta' Mejju 2010.¹³
- Kontijiet dovuti u arretrati: Il-bilanċ f'kontanti għall-amministrazzjoni pubblika, li kien qiegħed jagħmel sovrapprestazzjoni fix-xhur preċedenti jaf ġie distort bin-nefqa bil-pagament pendenti (inkluż l-infiq li skorrew id-data meta kienu dovuti: l-arretrati). Bħal fl-imgħoddi, ir-riskju għall-akkumulazzjoni tal-arretrati fil-biċċa l-kbira jikkonċernaw in-nefqa relatata mal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, il-prestazzjoni relattiva tad-diversi setturi tal-gvern (l-Istat, il-fondi tas-sigurtà soċjali, il-gvern lokali u l-fondi ekstrabaġitarji) tista' wkoll tagħmel distorsjoni minn ittardjar fit-trasferimenti fost entitajiet tal-gvern.
- Garanziji Attivati: Fl-2009 l-garanziji attivati (u għalhekk, irreġistrati bħala li jżidu d-defiċit) ammontaw għal EUR 700 miljun. Dawk il-garanziji jikkonċernaw fil-biċċa l-kbira d-dejn tal-intrapriżi pubbliċi. Hekk kif l-ekonomija tiggrava fir-riċessjoni, u għadd ta' intrapriżi pubbliċi (pereżempju l-kumpanija tal-ferroviji b'dejn eċċessiv) jista' jkollhom diffikultà biex jiffinanzjaw mill-ġdid l-obbligi legali tagħhom, il-garanziji attivati jistgħu jiżiedu sostanzjalment. Filwaqt li l-garanziji attivati sal-aħħar ta' Ġunju jammontaw għal EUR 300 miljun, wieħed jista' jistennihom li jiżiedu sa EUR 1 500 miljun sal-aħħar tas-sena.
- Il-gvernijiet lokali, il-fondi tas-sigurtà soċjali u l-fondi ekstrabaġitarji: Sa issa, il-prestazzjoni finanzjarja tal-gvernijiet lokali ma rnexxilhiex tilħaq il-previżjonijiet tal-programm. L-istess jgħodd għall-fondi tas-sigurtà soċjali. L-elezzjonijiet lokali li se jseħħu dalwaqt u r-riċessjoni li qed tiggrava jafu jsarrfu f'iktar illaxkar. Innota, minkejja dan, li d-dejta disponibbli tikkonċerna l-gvern lokali u l-bilanċ tas-sigurtà soċjali, u mhux l-introjtu u n-nefqa rispettiva tagħhom, minħabba li l-bilanċ huwa derivat mill-istatistika monetarja mogħtija mill-Bank tal-Greċja.¹⁴ Għalhekk għalissa ma hemmx il-possibbiltà ta' analiżi iktar iddettaljata. Barra minn dan, il-parti tal-prestazzjoni l-inqas favorevoli minn dawk l-entitajiet tista' tkun relatata mal-ittardjar fit-trasferimenti li jridu jitħallsu mill-baġit tal-Istat. Sa issa ma teżisti l-ebda dejta dwar l-eżekuzzjoni fiskali mill-fondi ekstrabaġitarji.
- Nefqa ta' rkupru. Hija antiċipata nefqa ta' rkupru għat-tieni nofs, fid-dawl tat-tnaqqis fin-nefqa fl-ewwel nofs u xi ttardjar fil-pagamenti. Filwaqt li n-nefqa ta' kull xahar kienet ħafna iżgħar milli kif kien ippjanat fl-ewwel nofs tal-2010, wara l-isforzi ta' trażżin tan-nefqa mill-gvern u kontrolli ulterjuri mill-Ministru tal-Finanzi, hemm obbligi attivati li se jwasslu għal ammonti ta' kontanti ħerġin fit-tieni nofs tas-sena. Se jkun iebes li l-eżekuzzjoni tan-nefqa tibqa' tkun inqas milli kif previst matul it-tieni nofs tas-sena,

¹³ Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, is-servizzi tal-Kummissjoni jistmaw li se jkun hemm telf għas-sena bħala entità sħiħa, meta mqabbel mal-previżjonijiet li tħejjew fil-bidu ta' Mejju, sa EUR 1 500 miljun (jew 0,6 % tal-PGD).

¹⁴ Hemm ukoll xi informazzjoni mhux kompoluta dwar l-introjtu u n-nefqa għal għadd ta' fondi tas-sigurtà soċjali.

minħabba li wieħed jista' jistenna li n-nefqa tal-ministeri terġa' taqbad sakemm tilħaq l-appropriazzjonijiet tal-baġit annwali.

- L-impriżi pubbliċi: Il-gvern jeħtieġ li jgħagħgel l-isforzi biex jiġi stabbilit irkupru tal-ispiża fl-intrapriżi pubbliċi, biex jinaqqas ir-riskju ta' sussidji miżjuda jew ta' trasferimenti oħra b'impatt fiskali negattiv¹⁵.

5. IL-PROGRESS BIR-RIFORMI STRUTTURALI

Il-progress sinifikanti li nkiseb fir-riformi fiskali strutturali, bħalma hija t-tnejn tal-liġi baġitarja organika l-ġdida, il-miżuri kontra l-evażjoni tat-taxxa, ċensiment tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku¹⁶ u passi 'l quddiem fil-ħolqien ta' awtorità unika ta' pagament għall-pagi pubbliċi. Sar progress bir-riforma tal-pensjoni u tal-amministrazzjoni fil-livell lokali qabel kif kien skedat. Hemm ipjanati xi aġġustamenti ulterjuri fil-liġi tal-pensjonijiet għall-2011.¹⁷ It-tnejn huma inqas avvanzati fl-implimentazzjoni ta' sistema biex tissorvelja u tikkontrolla l-impenji tan-nefqa fil-bosta saffi differenti tal-gvern. Jeħtieġ li jiġu intensifikati l-isforzi biex jittejjbu l-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta li huma essenzjali għall-kontroll baġitarju.

Lil hinn mill-kwistjonijiet relatati mal-baġit, ittieħdu passi importanti permezz tal-aġenda usa' u ambizzjuża ta' riforma strutturali. Ir-riformi tal-ambjent tan-negozju, il-miżuri biex jaċċelleraw l-assorbiment tal-fondi strutturali u dawk tal-koeżjoni u l-leġiżlazzjoni orizzontali għall-implimentazzjoni tad-direttiva tas-servizzi mexjin fid-direzzjoni t-tajba; il-liġijiet ambizzjużi tas-suq tax-xogħol ġew adottati qabel ma kif kien skedat għalkemm għandhom bżonn ta' azzjonijiet ulterjuri fi stadju aktar avvanzat. Il-privatizzazzjoni u r-ristrutturar tal-kumpaniji bi sjieda statali - b'mod partikolari fl-oqsma tat-trasport bil-binarji u l-enerġija - jeħtieġ li jitħaffu.

Fir-rigward rar-riformi strutturali fil-qasam finanzjarju, ġie stabbilit il-Fond ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Bank tal-Greċja jinsab fil-proċess li jsaħħaħ is-supervizzjoni tal-banek.

6. IL-KOMPLETEZZA TAL-INFORMAZZJONI OBBLIGATA

Ir-rapport li tressaq mill-Greċja jinkludi l-biċċa l-kbira tal-informazzjoni u tad-dejta obligata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill. B'mod partikolari, ir-rapport fih informazzjoni dettaljata dwar miżuri konkreti implimentati (u li għandhom jiġu implimentati) biex jikkonformaw mad-Deċiżjoni u l-impatt baġitarju rispettiv tagħhom. Id-dejta dwar l-eżekuzzjoni baġitarja statali ta' kull xahar ingħatat fil-ħin mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Kontabbiltà. Ir-rapport fih ukoll l-

¹⁵ Ara n-nota tal-qiegħ 9 dwar il-klassifikazzjoni mill-ġdid possibbli tal-kumpaniji pubbliċi (bħall-OSE (l-organizzazzjoni tal-ferroviji fil-Greċja) tal-ferroviji).

¹⁶ Skont id-dejta maħruġa dan l-aħħar dwar iċ-ċensiment tal-impjeg pubbliku, hemm madwar 768 000 ħaddiem tas-servizz pubbliku (l-Istat, il-gvern lokali, is-sigurtà soċjali u l-fondi ekstrasfiskali). Dan jirrappreżenta 17 fil-mija tal-popolazzjoni globali ta' ħaddiema fil-Greċja.

¹⁷ Fin-nuqqas ta' previżjonijiet kompluti li jifirxu fuq medda twila ta' żmien, sa issa għad mhuwiex possibbli li jkun hemm valutazzjoni kompluta tar-riforma tal-pensjoni. Il-parametri ewlenin tal-pensjoni se jkollhom jiġu aġġustati matul l-2011 biex tiġi żgurata li l-evoluzzjoni li tifrex fuq medda twila ta' żmien tan-nefqa tal-pensjoni (2009-2060) ma taqbiżx 2,5 punti perċentwali tal-PGD. Dan l-aġġustament se jkun ibbażat fuq il-previżjonijiet li jifirxu fuq medda twila ta' żmien li jridu jingħataw mill-Awtorità Attwarjali Nazzjonali u vvalidati mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika tal-UE.

informazzjoni obligata fir-rigward tal-ħruġ u r-rimbors tad-dejn, u informazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-ikbar intrapriżi pubbliċi. Minkejja dan, id-dejta dwar l-implimentazzjoni baġitarja infraannwali mill-fondi tas-sigurtà soċjali, il-gvern lokali u l-fondi ekstrabaġitarji, l-informazzjoni dwar l-impjieg mas-settur pubbliku, in-nefqa fl-istennija tal-pagament (inklużi l-arretrati) għad mhumiex kompluti.

Barra dan, ir-rapport fih minjiera ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010,¹⁸ u għall-konformità mal-MPEF u l-MtQ.

7. IL-KONKLUŻJONI

Il-Greċja qed tikkonforma b'mod sodisfaċenti mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010, filwaqt li qed tirreaġixxi għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 u l-implimentazzjoni tal-miżuri deskritti fil-qosor fl-MPEF u l-MtQ tat-3 ta' Mejju 2010.

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (l-Artikolu 4(3)), "il-Kummissjoni tista' tindika l-miżuri meħtieġa biex jiġi rrispettat il-pjan ta' aġġustament stipulat permezz tad-Deċiżjoni għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv." Meta mqabbla mal-informazzjoni disponibbli, il-miżuri fiskali adottati mill-Greċja sa issa jidher li huma biżżejjed biex jintlaħqu l-miri baġitarji ta' limiti massimi tal-2010 previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010, kemm-il darba l-kontroll tan-nefqa jibqa' ssikkat u jwassal għal nefqa statali totali ta' EUR 4 biljun inqas milli kif kien ipplanat biex ipattu għat-telf fl-introjt u llaxkar tan-nefqa f'setturi oħra tal-gvern. Is-sottożekuzzjoni tan-nefqi baġitarji statali wkoll se jeħtieġ li jkopru d-differenza prevista bejn id-defiċit tal-kontanti disponibbli u l-bilanċ fuq il-bażi tal-ESA95.

Kemm-il darba l-miżuri pplanati jiġu implimentati kif suppost u f'waqthom, u jekk ix-xenarju makroekonomiku jiżvolġi skont l-aspettattivi, il-previżjonijiet disponibbli jissuġġerixxu li d-defiċit tal-gvern u l-limitu massimu tad-dejn għall-2011-2014 jistgħu jintlaħqu, b'korrezzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2014.

¹⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2010/190/UE) lill-Greċja tas-16 ta' Frar 2010 bil-ħsieb li tintemm l-inkonsistenza mal-linji gwida wiesgħin tal-politiki ekonomiċi fil-Greċja u li jitneħħa r-riskju li jiġi pperikolat il-funzjonament korrett tal-unjoni ekonomika u monetarja (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 63).

ANNEX I: MIŻURI OBBLIGATI MID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL, LI JRIDU JIĠU ADOTTATI SAL-AĦĦAR TA' ĠUNJU 2010

Miżuri (kif obbligati permezz tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill)	Stat ta' progress
"Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin qabel l-aħħar ta' Ġunju 2010:	
(a) Liġi li tintroduċi skala ta' taxxa progressiva għas-sorsi kollha ta' introjtu u trattament unifikat b'mod orizzontali ta' introjtu ġġenerat minn xogħol u minn assi kapitali;	Sodisfatta. Il-Liġi 3842/2010 ġiet adottata mill-Parlament f'April 2010.
(b) liġi li tabroga l-eżenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' tassazzjoni awtonoma kollha fis-sistema tat-taxxa, inkluż l-introjtu minn benefiċċji speċjali mħallsa lill-ħaddiema tas-servizz pubbliku;	
(c) il-kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet baġitarji fir-riżerva ta' kontinġenza, bil-għan li jtifadldu EUR 700 miljun;	Sodisfatta. Deċiżjoni ministerjali
(d) l-abolizzjoni tal-biċċa l-kbira tal-appropriazzjoni baġitarja għall-benefiċċju ta' solidarjeta' (ħlief parti għal benefiċċju għat-taffija tal-faqar) bil-għan li jtifadldu EUR 400 miljun;	Sodisfatta. Il-Liġi 3845/2010 ġiet adottata mill-Parlament f'Mejju 2010.
(e) tnaqqis fl-ogħla pensjonijiet bil-għan li jtifadldu EUR 500 miljun f'sena sħiħa (EUR 350 miljun għall-2010);	Sodisfatta. Il-Liġijiet 3863/2010 u 3865/2010 ġew adottati mill-Parlament f'Mejju 2010.
(f) It-tnaqqis tal-bonus tal-Għid, tas-sajf u tal-Milied u tal-benefiċċji li jingħataw lill-ħaddiema tas-servizz pubbliku bil-għan li jtifadldu EUR 1500 miljun f'sena sħiħa (EUR 1100 miljun fl-2010);	Sodisfatta. Il-Liġi 3845/2010 ġiet adottata mill-Parlament f'Mejju 2010.
(g) L-abolizzjoni tal-bonus tal-Għid, tas-sajf u tal-Milied li jingħataw lill-pensjonanti, għalkemm jitħarsu dawk li jirċievu pensjonijiet baxxi, bil-għan li jtifadldu EUR 1900 miljun f'sena sħiħa (EUR 1500 miljun fl-2010);	
(h) żieda fir-rata tal-VAT, li twassal biex jinġabru minn tal-inqas EUR 1800 miljun f'sena sħiħa (EUR 800 miljun fl-2010) ¹⁹ ;	Sodisfatta. Il-Liġi 3845/2010 ġiet adottata mill-Parlament f'Mejju 2010. Rati ġodda tal-VAT applikabbli mill-1 ta' Lulju 'l quddiem; rati ġodda tas-sisa applikabbli mit-3 ta' Mejju 'l quddiem.
(i) żieda fid-dazji għall-karburant, it-tabakk u l-alkoħol, li twassal biex jinġabru minn tal-inqas EUR 1 050 miljun f'sena sħiħa (EUR 450 miljun fl-2010);	
(j) leġiżlazzjoni li timplimenta d-direttiva dwar is-servizzi;	Sodisfatta. Ġiet adottata l-leġiżlazzjoni orizzontali (il-Liġi 3844/2010); għadha għaddejja l-ħidma dwar il-punt uniku ta' kuntatt.

¹⁹ Ir-rapport tas-6 ta' Awwissu jindika li din il-miżura tista' ġġib introjtu addizzjonali ta' EUR 900 miljun fl-2010, minflok ta' EUR 800 miljun.

(k) liġi li tirriforma u tissimplifika l-amministrazzoni pubblika fil-livell lokali bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi;	Sodisfatta. Il-Liġi 3852/2010 ġiet adottata mill-Parlament fis-27 ta' Mejju 2010. Serje ta' digrieti ta' implimentazzjoni qed jistennew li jiġu adottati.
--	--

(l) it-twaqqif ta' task force li jkollha l-għan li ttejjeb ir-rata tal-assorbiment tal-fondi strutturali u dawk ta' koeżjoni;	Għadha għaddejja. It-twaqqif formali u l-ħatra tal-persunal ta' task force li se tkun preseduta mid-Deputat Prim Ministru għadha għaddejja. Fit-30 ta' Ġunju 2010, il-Gvern Grieg għadha deċiżjoni ministerjali biex jaċċellera l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-proġett.
(m) liġi biex tissimplifika l-fażi tal-ftuħ ta' negozji ġodda;	Sodisfatta. Il-Liġi 3853/2010 ġiet adottata mill-Parlament fis-17 ta' Mejju 2010.
(n) tnaqqis fl-investiment pubbliku b'EUR 500 miljun meta mqabbel mal-pjanijiet;	Għadha għaddejja (Id-Deċiżjoni Ministerjali 24687/DE2947). Mhijiex possibbli valutazzjoni sħiħa qabel l-aħħar tas-sena.
(o) it-trasferiment tal-approprijazzjonijiet baġitarji għall-kofinanzjament ta' fondi strutturali u ta' dawk ta' koeżjoni f'kont ċentrali speċjali li ma jista' jintuża għall-ebda skop ieħor;	Sodisfatta. Il-kont tal-bank fil-Bank tal-Greċja nħoloq fit-30 ta' Ġunju 2010.
(p) it-twaqqif ta' fond indipendenti għall-istabbiltà finanzjarja biex jittratta telf potenzjali fil-kapital u jippreserva s-sikurezza tas-settur finanzjarju, billi jipprovdi appoġġ tal-ekwità lill-banek meta dan ikun meħtieġ;	Sodisfatta wara d-data tal-iskadenza. Il-Liġi 3864/2010 ġiet adottata mill-Parlament fit-12 ta' Lulju 2010.
(q) is-superviżjoni msaħħa tal-banek, b'żieda fir-riżorsi umani, b'rappuratar aktar frekwenti u stress tests li jsiru darba kull tliet xhur."	Għadha għaddejja. Il-Bank tal-Greċja intensifika xogħlu f'dak li għandu x'jaqsam mas-superviżjoni bankarja. Issa qed isiru laqgħat regolari mal-awdituri tal-banek u mal-kumitati interni importanti tal-banek ewlenin kollha (maniġment tar-riskju, kontroll intern, eċċ). Il-banek issa huma obbligati li jipprovdu ċerta dejta ta' superviżjoni bi frekwenza oġhla.

ANNEX II: MIŻURI OBBLIGATI MID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL, LI JRIDU JiĠU ADOTTATI SAL-AĦĦAR TA' SETTEMBRU 2010

Miżuri (kif obbligati permezz tal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill)	Stat ta' progress
<p>"Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin qabel l-aħħar ta' Settembru 2010:</p> <p>(a) inklużjoni fl-abbozz tal-baġit għall-2011 ta' miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali li jammontaw għal minn tal-inqas 3% tal-PGD (4,1 % tal-PGD jekk jitqiesu l-ammonti kollha ttrasferiti mill-miżuri implimentati fl-2010). Il-baġit għandu jinkludi, b'mod partikolari, l-miżuri li ġejjin (jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, miżuri li jwasslu għal tfaddil komparabbli): tnaqqis fil-konsum intermedju tal- amministrazzjoni pubblika b'mill-inqas EUR 300 miljun meta mqabbel mal-livell tal-2010 (flimkien mat-tfaddil idderivat mir-riforma, imsemmi f'dan il-paragrafu, tal-amministrazzjoni pubblika u l-gvern lokali); iffriżar tal-indiċjar tal-pensjonijiet (bl-iskop ta' tfaddil ta' EUR 100 miljun); levy temporanja ta' kriżi fuq impriżi bi profittabbiltà għolja (li trendi mill-inqas EUR 600 miljun f'introjtu addizzjonali kull sena fl-2011, l-2012 u l-2013); it-tassazzjoni preżuntiva tal-professjonisti (li twassal biex jinġabru minn tal-inqas EUR 400 miljun fl-2011 u dħul li jizjed fl-2012 u fl-2013); tkabbir tal-bażi tal-VAT biex jiġu inklużi ċerti servizzi li bħalissa huma eżentati u billi 30 % tal-oġġetti u servizzi ma jibqgħux jibbenefikaw minn rata mnaqqsa u minflok tapplika għalihom rata ewlenija (li jwassal biex jinġabru EUR 1 biljun); taxa tal-ambjent li tiddaħħal gradwalment fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ (li trendi minn tal-inqas EUR 300 miljun fl-2011); l-implimentazzjoni mill-Gvern Grieg ta' leġislazzjoni li tirriforma l-amministrazzjoni pubblika u l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-gvern lokali (bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż b'minn tal-inqas EUR 500 miljun fl-2011, u 500 miljun addizzjonali kull sena fl-2012 u l-2013); tnaqqis fl-investimenti ffinanzjati lokalment (b'minn tal-inqas EUR 1 biljun) billi tingħata prijorità lill-proġetti tal-investiment iffinanzjati mill-fondi strutturali tal-UE; inċentivi biex jirregolarizzaw il-ksur tal-użu tal-art (li jrendu mill-inqas EUR 1 500 miljun mill-2011 sal-2013, li minnhom mill-inqas EUR 500 miljun fl-2011); jinġabar aktar introjtu mill-liċenzjar tal-logħob tal-azzard (mill-inqas EUR 500 miljun fil-bejgħ tal-liċenzji u EUR 200 miljun fi drittijiet); allargament tal-bażi tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli billi jiġu aġġornati l-valuri tal-assi (li trendi minn tal-inqas EUR 500 miljun dħul addizzjonali); tassazzjoni ogħla fuq pagi <i>in natura</i>, inkluża wkoll it-taxxa fuq il-pagamenti tal-kiri ta' karozza (b'minn tal-inqas EUR 150 miljun); tassazzjoni ogħla fuq oġġetti ta' lussu (b'minn tal-inqas EUR 100 miljun); taxa speċjali li tapplika għal stabbilimenti mhux awtorizzati (li trendi minn tal-</p>	<p>Ipjanata. Il-baġit tal-2011 mistenni li jitressaq quddiem il-Parlament fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru.</p> <p>Parzjalment sodisfatta qabel id-data tal-iskadenza. Għadd ta' miżuri obbligati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li għandhom jiġu adottati fil-kuntest tal-baġit tal-2011 diġà ġew illeġislati. Dawn jinkludu b'mod partikolari:</p> <p>(i) levies tal-kriżi temporanji fuq azjendi bi profittabbiltà għolja (EUR 600 miljun fis-sena; il-Liġi 3845/2010);</p> <p>(ii) żieda fit-taxxi fuq oġġetti ta' lussu (applikabbli mit-3 ta' Mejju 2010 'l quddiem; EUR 100 miljun fis-sena; <i>idem</i>);²⁰</p> <p>(iii) it-tassazzjoni preżuntiva tal-professjonisti (EUR 400 miljun fl-2011 u introjti miżjuda fl-2012 u l-2013; il-Liġi 3842/2010);</p> <p>(iv) iż-żieda tat-tassazzjoni fuq pagi <i>in natura</i>, inkluż permezz tal-intaxxar tal-pagamenti tal-kiri tal-karozzi (EUR 150 miljun; <i>idem</i>).</p>

²⁰ Ir-rapport tas-6 ta' Awwissu jindika li din il-miżura tista' ġġib introjtu addizzjonali ta' EUR 120 miljun fl-2010, minflok ta' EUR 100 miljun.

inqas EUR 800 miljun fis-sena); u sostituzzjoni ta' 20 % biss ta' impjegati li jirtiraw fis-settur pubbliku (gvern ċentrali, muniċipalitajiet, kumpaniji pubbliċi, gvernijiet lokali, aġenziji tal-istat u istituzzjonijiet pubbliċi oħra);

(b) liġi li tirriforma s-sistema tal-pensjonijiet bl-għan li tiżgura s-sostenibbiltà tagħha fuq il-medda medja u l-medda twila taż-żmien. Il-liġi għandha tintroduċi, b'mor partikolari: età ta' rtirar statutorja unifikata ta' 65 sena (li tapplika wkoll għan-nisa); amalgamar tal-fondi eżistenti tal-pensjonijiet fi tliet fondi u sistema ġdida unifikata ta' pensjonijiet għall-impjegati attwali u dawk li se jkun hemm fil-futur (li għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013); tnaqqis tal-limitu massimu fuq il-pensjonijiet; żieda gradwali fil-perjodu minimu li fiha għandha titħallas il-kontribuzzjoni għal benefiċċju sħiħ mal-irtirar minn 37 għal 40 sena (sal-2015); età minima ta' rtirar ta' 60 sena mill-1 ta' Jannar 2011 (din tapplika wkoll għall-ħaddiema li jagħmlu xogħlijiet ta' strapazz u diffiċli u dawk li jħallu kontribuzzjonijiet għal 40 sena); l-abolizzjoni tar-regoli speċjali applikabbli għall-persuni li kienu assikurati qabel l-1993 (filwaqt li jżommu d-drittijiet li jkunu akkwistaw); tnaqqis sostanzjali fil-lista ta' xogħlijiet ikkunsidrati ta' strapazz u diffiċli; tnaqqis fil-benefiċċji soċjali (b'6 % fis-sena) għall-persuni li jirtiraw bejn l-età ta' 60 u 65 sena u li jkunu ħallsu l-kontribuzzjonijiet għal inqas minn 40 sena; it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' aġġustament awtomatiku li jorbot l-età tal-irtirar maż-żieda fl-istennija tal-għajxien (mill-2020 'il quddiem); il-ħolqien ta' introjtu minimu garantit li jkun ittestjat skont il-mezzi għall-anzjani li jkunu akbar mill-età statutorja meħtieġa għall-irtirar; l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet iktar stretti u analiżi mill-ġdid regolari tal-eliġibbiltà għall-pensjonijiet tad-diżabbiltà; emendar tal-formula għall-għoti tal-pensjonijiet fl-iskema b'bażi kontributorja biex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-kontribuzzjonijiet li persuna tħallas u l-benefiċċji li tirċievi (b'rata ta' akkumulazzjoni limitata għal rata annwali medja ta' 1,2 %); estensjoni tal-kalkolu ta' x'qalgħet persuna li huwa pensjonabbli għal x'qalgħet matul ħajjitha sħiħa (filwaqt li żżomm id-drittijiet li tkun akkwistat). L-implimentazzjoni ta' din il-liġi għandha tnaqqas iż-żieda mbassra fil-proporzjon tan-nefqa tal-pensjoni mal-PGD għal taħt il-medja fiż-żona tal-euro fid-deċennji li ġejjin u għandha tillimita ż-żieda tal-infiq tas-settur pubbliku fuq il-pensjonijiet matul il-perjodu 2010-2060 għal inqas minn 2,5 % tal-PGD;

Parzjalment sodisfatta qabel id-data tal-iskadenza. Sar progress importanti fil-qasam tar-riforma tal-pensjoni qabel ma għalqet id-data tal-iskadenza f'Settembru 2010. Il-Parlament adotta l-Liġijiet 3863/2010 u 3865/2010 fit-8 u s-16 ta' Lulju 2010 (għas-setturi privati u pubbliċi, rispettivament), inkluż għadd ta' parametri speċifiċi ta' riforma obbligati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Fin-nuqqas ta' previżjonijiet kompluti li jifirxu fuq medda twila ta' żmien, sa issa għad mhux possibbli li jkun hemm valutazzjoni kompluta tar-riforma. Il-liġi tar-riforma tal-pensjonijiet għandha tiġi aġġustata biex tiġi żgurata li l-evoluzzjoni li tifrex fuq medda twila ta' żmien tan-nefqa tal-pensjoni (2009-60) ma taqbiżx 2,5 punti perċentwali tal-PGD. Dan l-aġġustament se jkun ibbażat fuq il-previżjonijiet li jifirxu fuq medda twila ta' żmien li jridu jingħataw mill-Awtorità Attwarjali Nazzjonali u vvalidati mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika tal-UE.

(c) rinfurzar tar-rwol u tar-riżorsi tal-uffiċċju ġenerali tal-kontabbiltà u t-twaqqif ta' salvagwardji kontra interferenzi politiċi possibbli fit-tbassir tad-dejta u l-kontabbiltà;	Għadha għaddejja fil-kuntest tal-Att dwar il-Maniġment u r-Responsabbiltà Fiskali, li tressaq quddiem il-Parlament fit-30 ta' Ġunju 2010.
(d) abbozz ta' riforma tal-leġislazzjoni dwar il-pagi fis-settur pubbliku, inkluż b'mod partikolari t-twaqqif ta' Awtorità Unika ta' Ħlas biex jiġihallu l-pagi, l-introduzzjoni ta' prinċipji unifikati u skeda biex jiġi stabbilit qafas tal-pagi tas-settur pubbliku li tkun unifikata u aktar effiċjenti u tkun tista' tapplika għas-settur Statali, l-awtoritajiet lokali u aġenziji oħra;	Għadha għaddejja. Il-gvern issokta bit-twaqqif tal-awtorità unika ta' ħlas qabel iż-żmien li fih kien skedat. Hija diġà tkopri l-pagi mħallsa lil kważi 80 % tal-għadd totali tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku fil-gvern lokali. Iċ-ċensiment tal-impjeg pubbliku għandu jikkontribwixxi biex iwessa' l-kopertura għall-amministrazzjoni pubblika kollu kemm hu sal-aħħar tas-sena.
(e) leġislazzjoni li ttejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni responsabbli mit-taxxa u l-kontrolli;	Għadha għaddejja. Ittieħdu bosta inizjattivi biex tittejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa, għall-ġlieda kontra l-evażjoni mit-taxxa u biex tittejjeb l-osservanza tar-regoli tat-taxxa. Il-gvern stabbilixxa liġi ġdida tat-taxxa li tintroduċi infurzar aqwa tal-proċess ta' kumpilazzjoni u tal-proċessi tal-ħlas fuq id-dħul u l-VAT, twessa' l-bażi tat-taxxa billi tikkanċella t-tnaqqis u l-eżenzjonijiet u tintroduċi t-tassazzjoni preżuntiva. Il-gvern beda jiżviluppa qafas ta' konformità ta' maniġment tar-riskju u beda jibni kapaċità strateġika ta' ġestjoni fl-awtoritajiet tat-taxxa u dawk doganali, permezz ta-riorganizzazzjoni tas-servizzi rilevanti. Tnedew ukoll il-kostituzzjoni tal-ħames task forces speċjalisti fil-Ministeru tal-Finanzi u l-amministrazzjoni tat-taxxa.
(f) it-tnedija ta' reviżjoni indipendenti tal-amministrazzjoni pubblika u ta' programmi soċjali eżistenti;	Ippjanata. Laqgħat ta' tnedija pplanata għal Settembru.
(g) il-pubblikazzjoni ta' statistika ta' kull xahar (fuq bażi ta' kontanti) dwar l-introjtu, in-nefqa, l-iffinanzjar u l-arretrati tal-infq għall-amministrazzjoni pubblika disponibbli u s-subentitajiet tagħha;	Parzjalment sodisfatta. Fl-2010, il-Greċja ppubblikat regolarment dejta dettaljata tal-kontanti fuq l-introjtu, in-nefqa u l-iffinanzjar tal-istat. Id-dejta fuq in-nefqa fl-istennija tal-pagament għadha mhijiex disponibbli. L-obbligu legali ġie inkluż fl-abbozz tal-Att dwar il-Maniġment u r-Responsabbiltà Fiskali li tressaq quddiem il-Parlament fit-30.06.2010. Il-Liġi 3861/2010 tirrikjedi l-pubblikazzjoni fuq l-internet tad-deċiżjonijiet kollha li jinvolvu l-impjenji tal-fondi fl-amministrazzjoni pubblika.
(h) pjan ta' azzjoni biex itejjeb il-ġbir u l-ipproċessar ta' dejta tal-amministrazzjoni pubblika, billi b'mod partikolari jittejbu l-mekkaniżmi ta' kontroll tal-awtoritajiet responsabbli mill-istatistika u l-Uffiċċju Ġenerali tal-Kontabbiltà u tiġi żgurata r-responsabbiltà personali effettiva f'każijiet ta' rappurtaġġ ħażin, biex jiġi żgurat il-forniment immedjat ta' dejta tal-amministrazzjoni pubblika ta' kwalità għolja obbligatorja mir-Regolamenti (KE) 2223/96, 264/2000, 1221/2002, 501/2004, 1222/2004, 1161/2005, 223/2009 u 479/2009;	Għadha għaddejja. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni nqablet mal-Eurostat.
(i) publikazzjoni regolari tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja f'intrapriżi pubbliċi u entitajiet pubbliċi oħra li mhumiex klassifikati fl-amministrazzjoni pubblika (inklużi dikjarazzjonijiet dettaljati dwar id-dħul, il-karti tal-bilanċ u dejta dwar l-impjegji u n-l-abbozz tal-att dwar il-pagi)."	Parzjalment sodisfatta. Hemm xi dejta inkluża fir-rapport tas-6 ta' Awwissu.

MT

MT